- L-Azzjoni ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju ai termini tal-Art. 836 Kap. 12 miftuha biss lill-intimat fil-mandat -

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 6 TA' MARZU 2019**

**Rikors Nru: 1040/18 RGM**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 543/17**
**fl-ismijiet:-**

**Investar p.l.c ġja EIP p.l.c. (C 65310)**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u l-PL Peter Sammut b'digriet tal-25 ta' April 2017 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti BAI Co. (Mtius) Ltd. (in conservatorship) reġistrata fir-Repubblika ta' Mawrizju bin-numru C 7513 bis-sede uffiċjali tagħha f'BAI Centre, 217, Royal Road, Curepipe, ir-Repubblika ta' Mawrizju u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2018 Dr. Ellis ġie estromess mill-atti u sostitwit minn Dr. Graziella Tanti.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fid-19 t'Ottubru 2018 mill-Avukat Dottor Joseph Ellis fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tas-socjeta' National Insurance Co. Ltd[1] li permezz tiegħu ghar-ragunijiet hemm moghtija talab lill-Qorti:-

1) Tawtorizza r-registrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma minn fuq isem BAICo. (Mtius) Ltd (in conservatorship) ghan-National Insurance Co. Ltd. fil-kotba tas-socjeta' GlobalCapital plc (C 19526) kif ukoll fil-Borza ta' Malta u fir-Registru tal-Kumpaniji.

2) Tillimita l-effetti ta' dan il-mandat ghal 700,000 sehem bhala ammont adegwat sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tas-sekwestranti.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Investar p.l.c. ippreżentata fid-29 ta' Novembru 2018[2] li ghar-ragunijiet hemm moghtija qed toppini ghar-rikors in dizamina.Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 543/17;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2019, fejn ħalliet ir-rikors għall-provediment in camera.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-5 t'April 2017 is-soċjetà Investar p.l.c ippreżentat Mandat ta' Qbid kawtelatorju kontra l-kuraturi deputati in rappreżentanza ta' BAI Co. (Mtius) Ltd. Il-kreditu kawtelat kien ta' mitejn elf ewro (€200,000) rappreżentanti danni allegatament sofferti mis-soċjetà sekwestranti b'riżultat tal-aġir tas-soċjetà intimata meta allegatament naqset milli tonora l-obbligi oriġinarjament assunti minnha. Fil-5 t'April 2017 il-mandat ġie akkordat.

[1] Kumpanija reġistrata fir-Repubblika ta' Mawrizju (C 129641) bis-sede uffiċjali tagħha f'6, President John Kennedy Street, 15th Floor, Air Mauritius Centre, Port Louis, ir-Repubblika ta' Mawrizju.
[2] Paġna 17 tal-proċess.

Jirrizulta illi in forza ta' kuntratt li sar fil-Maritius lejn nofs is-sena 2016 l-ishma ta' BAI Co. (Mtius) Ltd fl-ammont ta' 6,399,092 sehem, ġew trasferiti lil National Insurance Co. Ltd. Izda tali trasferiment baqa' ma giex registrat mal-awtoritajiet kompetenti f'Malta.

Is-socjeta' National Insurance Co. Ltd ghalhekk intavolat ir-rikors *de quo* sabiex titlob lill-Qorti tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma u sabiex tillimita l-effetti tal-mandat.

Illi min-naħa tagħha is-soċjetà rikorrenti qiegħda topponi għal dawn it-talbiet primarjament fuq il-fatt li National Insurance Co. Ltd ma tistax tintavola rikors ta' din ix-xorta fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid meta ma kinitx parti f'dak il-Mandat.

Illi hemm proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Investar p.l.c. vs Avukat Joseph Ellis et noe (Rikors Ġuramentat Numru 296/2017).

Ikkunisdrat

Illi fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima facie* filwaqt li l-mertu jiġi analizzat u determinat fil-kawża bejn il-partijiet. Dan jinsab ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001:

"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan

tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[3]

Illi jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċioe` li r-rikorrenti sekwestrata għandha bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. [4] Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [5]

Ikkunsidrat

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12** jipprovdi s-segwenti:-r taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-<u>intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih</u> jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu […]

Ikkunsidrat ukoll

Illi mill-qari tar-rikors jidher li t-tieni talba ta' National Insurance Co. Ltd. qiegħda tiġi msejsa fuq il-paragarfu (d) tal-Artikolu surreferit li jipprovdi '*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv*'.

In tema legali ssir referenza ghad-deċiżjoni **Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited (**Rik Nru 652/2008) moghtija fil-5 ta'

---

[3] Ara **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) deċiża fil-25 t'Awwissu 2014.
[4] **Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Gunju 1994.
[5] **Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2007.

Settembru 2008 fejn ġie osservat li bid-disposizzjoni tal-**Artikolu 836 (1)(d)** dak li għandu jiġi eżaminat huwa jekk mad-daqqa ta' għajn l-applikant għandux bażi ta' pretensjoni (*"fumus juris").* Persuna għandha dritt li tikkawtela l-interessi tagħha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tiġi eppurata u deċiża fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel li għandu jiġi trattat minn din il-Qorti hija l-eċċezzjoni li l-azzjoni hija irrita, nulla u improponibbli u dan għaliex jekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni, ma jkunx mehtieg li r-rikors jigi trattat u deciz fil-mertu. Mill-qari tal-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 836 jirrizula b'mod ċar min jista' jikkontesta kwalunkwe mandat kawtelatorju – huwa 'l-**intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih [li] jista'** jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju'. B'dan ifisser għalhekk li hija s-soċjeta BAI Co. (Mtius) Ltd li għandha *locus standi* tistitwixxi proċeduri ta' din ix-xorta.

Issir referenza ghas-sentenza tal -Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-30 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet **Rita Vella pro et noe vs. Connie Borg Berquist et,**li kkonfermat sentenza tal--Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Diċembru 2006, fejn ġie osservat li:-

"Apparti l-fatt li ma jidhirx li giet istitwita kawza wara l-mandat, l-artikolu fuq imsemmi jippreskrivi metodu ta' rikors disponibbli lill-"intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih … ". F'din l-istanza mhuwiex l-intimat hekk kwalifikat li qed jagixxi izda terz li allega li kellu proprjeta' tieghu ingustament affettwara bil-hrug tal-Mandat. F'dawn ic-cirkostanzi t-terz ma jistax jagixxi b'rikors izda b'kawza 'ad hoc' [...]"

Illi fid-dawl tal-ġurisprudenza kif ukoll il-liġi, il-Qorti hija tenuta tiddikjara ir-rikors promotur tas-soċjetà National Insurance Co. Ltd bhala irritu u null u dan in vista li din is-soċjetà qatt ma kienet parti fil-proċeduri tal-Mandat tal-Qbid kawtelatorju.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata Investar p.l.c., tiddikjara r-rikors promotur tad-19 ta' Ottubru 2018 bhala irritu, improponibbli u null, peress li s-socjeta' rikorrenti ma hiex l-intimat fl-att tal-mandat ta' qbid mertu ta' dawn il-proceduri.

Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors imsemmi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà National Insurance Co. Ltd.

**Moghti kameralment illum 6 ta' Marzu 2019.**

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**